75
SENA

# X'WASSAL BIEX BIRŻEBBUĠA SSIR PARROĊĊA?

Birżebbuġa saret Parroċċa nhar id-9 ta' Settembru, 1913 (1). F'dan il-jum l-Isqof ta' Malta, Mons. Pietro Pace ġewwa l-Palazz Arċiveskovili, il-Belt Valletta permezz tal-Kanċillier P. Vella Mangion ħareġ d-digriet li bih ħall lil Birżebbuġa mill-Parroċċi tal-Gudja, Żurrieq, Għaxaq u Marsaxlokk u għamel lill-Kappella tad-Duluri awtonoma bl-ewwel Kappillan tagħha l-Kanonku Bormliż, Dun Karm Bugelli (2).

Il-Papa Qaddis Piju X kien ilu għaxar snin Vigarju ta' Kristu. Biex jikkonferma t-twaqqif tal-Parroċċa, l-Isqof Pace, fis-16 ta' Settembru, 1913 ħareġ ukoll ittra pastorali li kellha tinqara fil-Knejjes kollha tad-Djoċesi (3). Fiha, barra li nsibu d-drittijiet kif ukoll id-dmirijiet tal-Parroċċa l-ġdida, insibu l-konfini tal-Parroċċa kif jidhru skond il-pjanta mħażża minn Antonio Emilio Calleja, f'Bormla nhar l-14 ta' Awissu, 1908 (4) u kkonservata fil-Kurja. Barra minn hekk, twaqqfu żewġ benefiċċji:- wieħed magħruf bħala **'tal-Burix'** li kien jirrendi £18-13s-8d fis-sena (5), u l-ieħor ta' tlett mitt lira taljana fis-sena li kien impost fuq il-Prebenda tad-Dinjita' tal-Kantur tal-Kattidral (6).

Ma kienetx ħaġa faċli tipperswadi lill-Isqof iwaqqaf lil Birżebbuġa parroċċa b'kappella li rat il-bidu tagħha xi sitt snin qabel. Iżda Mons. Spir Penza, Kanonku Bormliż, fl-istess sena li fetaħ il-Kappella tad-Duluri (14 ta' Awissu, 1907) (7), talab li din tingħata l-grad ta' Parroċċa biex tkun ta' vantaġġ spiritwali għal madwar 1,657 ruħ li kienu jgħixu fil-bajja ta' Birżebbuġa. Dan l-appell sar fis-7 ta' Novembru, 1907 (8). Appell ieħor sar minn Dun Alwiġ Albanese, Rettur tal-Kappella tas-Sagra Familja, nhar is-16 ta' Novembru ta' l-istess sena (9).



*Mons. Can. Spir Penza li ħadem ħafna biex B'Buġa ssir parroċċa.*

Din il-Kappella tad-Duluri, ma kienet xejn għajr remissa tas-Sur Paolo Attard Montalto mill-Isla, li kienet tinsab wara l-Lukanda ta' Saverio D'Ambrosio.

Nhar l-1 ta' Ottubru, 1907, Mons. Penza u s-Sur Attard Montalto ftehmu għand in-Nutar Francesco Camilleri li Penza kellu jħallas £4-10s fis-sena bħala ċens (10). Biex ikabbar il-Kappella, Mons. Penza nhar l-1 ta' Settembru, 1909 quddiem in-Nutar Francesco G. Schembri, ftiehem mas-sidien, s-Sinjur Attard Montalto li jokkupa żewġ remissi oħra qrib (11). Fl-14 ta' Ottubru, 1912, imbagħad tħallsu l-aħħar pagamenti biex inxtraw it-tlett

75 SENA



remissi f'daqqa għas-somma ta' £332 (12).

Matul is-sitt snin sakemm twaqqfet f'Parroċċa, l-Kappella tad-Duluri sarulha diversi alterazzjonijiet. Fl-10 ta' Ottubru, 1909 fuq pjanta ta' Salv. Sacco minn Bormla, inbdiet il-faċċata li spiċċawha f'Jannar tas-sena ta' wara (13). F'Awissu 1909 tbierket qanpiena miġbura mill-Imħallef Żaccaria Roncali (14), filwaqt li nhar is-17 ta' Ottubru, 1901 inġiebet l-istatwa tad-Duluri, rigal tal-Kanonku Dun Achille Refalo (15). Il-Kappella tbierket mill-Isqof Pace (16).

L-ewwel Kappillan kien il-Kanonku Dun Karm Bugelli. Dun Karm twieled nhar l-20 ta' Lulju, 1866 (17) u sar saċerdot fl 1889 (18). Wara li kien Kappillan ta' l-Imqabba fl-1894 (19), hu laħaq Kanonku tal-Kolleġġjata ta' Bormla fis-sena ta' wara (20). Fis-17 ta' Frar, 1907, il-Kanonku Bugelli sar Kappillan ta' San Ġiljan (21). Għamel xi żmien ukoll bħala missjunarju fil-Gżira ta' Korfu`, u meta rritorna Malta, l-Isqof Pace l-ewwel ħatru ekonomu tal-Kappella tad-Duluri fil-31 ta' Ottubru, 1910 (23), u mbagħad, nhar is-17 ta' Settembru, 1913 (24) innominah bħala l-ewwel Kappillan ta' Birżebbuġa u ħa l-pussess nhar il-21 ta' Settembru, 1913 (25).

Din is-sena għalhekk jaħbat il-75 anniversarju minn meta l-Isqof Pietro Pace għolla għad-Dinjita' ta' Parroċċa r-raħal ta' Birżebbuġa. Dan ir-raħal tant mexa 'l quddiem fil-progress li fis-sena 1926 tbierket l-ewwel ġebla tal-Knisja l-ġdida ddedikata lil San Pietru fil-Ktajjen, il-Patrun ta'Birżebbuġa.

**Michael Balzia**

## Riferenzi


1. A.A.M. – Kanċellerija:-*Erectio Paroecia Birzebbugia 9 Sept. 1913*
2. Ibid.
3. A.A.M. – Mgr. Pietro Pace Vol 6, f.149 F'din l-Ittra Pastorali nsibu li l-parroċċa twaqqfet fl-10 ta' Settembru, 1913 u mhux jum qabel.
4. A.A.M. – Kanċellerija:- *Erectio Paroecia Birzebbugia 9 Sept. 1913*
5. Ibid.
6. Ibid.
7. A.A.M. – Suppliche 1907 Vol. IV – 257
8. A(rkivju) P(arrokkjali) B(irżebbuġa) – Rb Anno 1893 – Ricorsi, Contratti, altri Docum f.262. Għalkemm dan ir-rikors jeżisti fl-arkivju tal-Parroċċa, fid-dokumenti tla-Kurja dan ma nstabx. Hemm riferenzi biss għalih fil-Kanċellerija *"Erectio Paroecia Birzebbugia 9 Sept. 1913* fejn l-awtur tla-Pjanta ta' Birżebbuġa, Antonio Emilio Calleja jghid li kien ra dan ir-rikors (Cospicua 14 agosto, 1908).
9. A.P.B. – Rb. Anno 1893 – Ricorsi, Contratti, altri Docum f.f. 241 - 246.
10. A.N.V. – Nutar Francesco Camilleri – 1 Ott. 1907; Att. 449 (Locazione) f. 264 1-11
11. A.N.V. – Nutar Francesco Giorgio Schembri :- 1 Sett. 1909, Att. 490 f.f. 1-11
12. A.N.V. – Nutar Enrico Saydon – 14 Ott. 1912; Att. 222 f.f. 318 - 323
13. A.P.B. – Rb. Anno 1893 – Ricorsi, Contratti, altri Docum f. 256
14. A.P.B. – Ibid. f. 255
15. A.P.B. – Ibid. f. 186
16. A.P.B. – Ibid f. 256 u f. 187
17. R.P. – Acts of Birth – B 2336 / 86
18. A.A.M. – Ordinationes 1889 – 1902 f.12
19. A.A.M. – Kanċellerija:- Mqabba. Mhux paġinat.
20. A.A.M. – Canonici Cospícua 1812 - 1889 (f.f. 151 - 161) f. 157
21. A.A.M. – Kanċellerija:- San Ġiljan f. 261
22. A.A.M. – Atti Civili 1909
23. A.A.M. – Ibid. 1910
24. A.A.M. – Kanċellerija: B'Bugia f.f. 89 - 96
25. A.A.M. – Ibid f.99